MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 12/2012

**GERALD SCHEMBRI**

**Vs**

**DIRETTUR TAS-SIGURTA SOCJALI**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni taL-4 ta' April 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru:-*

*Ra l-appell*

*Ra r-risposta*

*Ikkunsidra*

*L-appellant gie informat mid-Dipartiment b'ittra datata 15 ta' Marzu 2010, u mitlub jirrifondi s-somma ta' €11913.07 imhallsa bhala ghajnuna ghal dizimpjieg ghal perjodu ta' 11 ta' Awwissu 2007 sa 26 ta' Frar 2010. Dana minhabba rizorsi kapitali li kienu jeccedu l-limitu ta' €14000.*

*B'ittra datata 5 ta' April 2010, huwa interpona l-odjern appell.*

*Illi d-Dipartiment irrisponda b'ittra datata 17 ta' Gunju 2011.*

*Illi fit-22 ta' Dicembru 2011, l-appellant issottometta affidavit u dokumentazzjoni varja in sosten tal-allegat infiq minnu maghmula.*

*Illi d-Dipartiment rrisponda b'ittra datata 20 ta' Frar, 2011.*

*Jirrizulta li fit-23 ta' marzu 2004, l-appellant iddisponda minn proprjeta' fil-Mellieha verso l-prezz ta' €104822. Ma tax spjegazzjoni sodisfacenti dwar kif iddispona mill-prezz rikavat.*

*Jirrizulta li kien hemm xi ricevuti mhux fiskali. Fic-cirkostanzi simili, l-appellant jigi konsiderat li ddispona mill-kapital biex jinqa' jikkwalifika ghal beneficcju.*

L-appell qed jigi michud."

Bl-appell minnu introdott fil-konfront ta' din id-decizjoni, il-beneficcjarju Gerald Schembri ressaq is-segwenti aggravvji

1. Illi id-Direttur tas-Sigurta Socjali accetta l-applikazzjoni tieghu sabiex jircevi l-Ghajnuna ghad-Dizimpieg wara stharrig illi ghamel tar-rizorsi kapitali tieghu u dan kif ipprovdut fl-artikolu 133(b) tal-Kapitolu 318 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi ma setax id-Direttur ibiddel tali decizjoni snin wara u jesigi illi jigu rifuzi lilu s-somma ta' €11,913.07.

2. Illi l-appellanti ipprovda dokumentazzjoni li turi illi l-infieq kapitali tieghu kien jekwivali ghar-rikavat tal-bejgh ta' proprjeta li kellu gewwa il-Mellieha ammontanti ghal €104822. Illi l-appellanti qatt ma gie mitlub mill-Arbitru sabiex jispjega id-dokumenti li ezebixxa jew li ikun iktar preciz jew dettaljat fil-provi prodotti u kwindi ma inghatax ic-cans jitkellem sabiex jiccara jew jispjega l-infieq kapitali mir-rikavat tal-bejgh tal-fond fil-Mellieha f'April tal-2004. Hemm kontradizzjoni fid-decizjoni tal-Arbitru li minn naha l-wahda isostni illi l-appellanti ma iggustifikax bizzejjed in-nefqa kapitali maghmula minnu u imbaghad wasal ghal konkluzjoni illi huwa volontarjament u intenzjonalment iddispona mill-qliegh kapitali sabiex jibqa jibbenifika mill-beneficcju socjali percepieta minnu. Finalment kien jinkombi fuq l-istess Direttur li iressaq il-provi illi l-appellanti iddispona mill-kapital percepiet minnu sabiex jibqa jikkwalifika ghall-ghajnuna ghad-disimpieg u mhux vice versa.

Illi flimkien mar-rikors tieghu ta'l-appell, l-appellanti ipprezenta prospett flimkien ma' diversi ricevuti li huma rendikont tal-infieq kapitali maghmula minnu mill-2004 meta huwa irceva il-kapital mill-bejgh ta' proprjeta tieghu fil-Mellieha sal-gurnata meta imbaghad applika ghal-Ghajnuna ghad-Dizimpieg. Dan il-prospett bid-dokumenti annessi mieghu gew sfilzati mill-atti permezz ta' digriet ta' din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta tas-27 ta' Mejju 2014 u dan billi l-istess dokumenti ghal xi raguni gew ipprezentati mill-appellanti biss fi stadju ta' dan l-appell meta messu ipprezenthom ghall-iskrutinju tad-Direttur u tal-Arbitru *a tempo vergine*. Dan iwassal sabiex kif gustament konkluz mill-Arbitru fid-decizjoni tieghu l-allegazzjonijiet maghmula mill-appellanti fil-proceduri ta'l-appell inizjati minnu quddiem l-Umpire illi n-nefqa kapitali tieghu kienet tekwivali ghall-qliegh minnu ippercepiet mill-bejgh tal-proprjeta tieghu gewwa l-Mellieha ma kenux sostnuti bid-dokumenti u ricevuti appoziti. L-appellanti jezebixxi biss *statements* ta' kontijiet bankarji li jindikaw il-flus li kellu mizmuma minnu fil-bank u xejn izjed. L-appellanti jallega illi mill-2004 meta huwa biegh dina l-proprjeta sal-mument li huwa mar sabiex jirregistra mir-rikavat ta' Lm53500 kien fadallu biss Lm5700. X'ghamel bil-kapital izda ma jispjegax sufficjentment ghalkemm jallega illi fetah hanut u ghamel nefqa kbira fih u xtar karozza u xi white goods ohra. L-ebda ricevuta ma giet prodotta u l-ebda xhud ma tressaq in sostenn ta' dak allegat minnu.

Illi dan l-appell jirrigwarda biss id-decizjoni tad-Dipartiment ghal rifuzjoni tal-flus imhallsa lill-beneficcjarju bhala Ghajnuna ghad-Dizimpieg ghal perijodu bejn il-11 ta’ Awwissu 2007 u is-26 ta’ Frar 2010 u dan billi ma jidhirx illi sar appell mill-beneficcjarju ghar-rigward tad-decizjoni l-ohra mehuda mid-Dipartiment sabiex titwaqqaf l-ghajnuna ghad-dizmpieg.

Illi l-appellanti jilmenta mill-fatt illi gjaldarba id-Direttur kien ha id-decizjoni li huwa kien intitolat sabiex jircevi dana il-beneficcju meta huwa applika ghal tali intitolament u dana wara investigazzjonijiet illi ghamel, ma setax issa wara li ghaddew diversi snin ibiddel tali decizjoni u dan meta sostna illi huwa kellu proprjeta li iddisponsa minnha u dana snin qabel ma huwa applika ghal tali beneficcju. Bir-rispett kollu ghall-Qorti dan l-argoment ma jistax iregi. Dan ghaliex hija massima legali kardinali illi l-piz probatorju jibqa' fuq l-appellanti mill-bidu sa l-ahhar. Hu kellu jipprova, u jikkonvinci wkoll, illi l-versjoni tieghu hija wahda legittima u wahda kapaci li ssostni l-fundament ta' l-assunt tieghu illi ir-rikavat mill-bejgh tal-proprjeta immobbli huwa kien iddispona minnu qabel ma applika ghal beneficcju ghad-dizimpieg. In-nuqqas minn naha tad-Direttur appellat milli iressaq il-provi ma kenitx tiddispensah minn dana l-oneru, kif jallega fl-aggravvji tieghu.

Huwa accertat illi b' rizultat tal-bejgh tal-fond l-appellanti kellu ghad-disposizzoni tieghu fondi sufficcjenti ghal htigijiet tieghu u dan anke wara li thallsu id-djun li kellu pendenti. Huwa immaterjali jekk id-Direttur appellat messu ha azzjoni aktar tempestiva. Il-fatt jibqa' li l-appellat kien fid-dover li jhares il-ligi u japplikaha. Dan f' kull zmien.

“Certament ma jistax jitqies lecitu illi persuna tizvesti ruhha ghal kollox mill-mezzi proprji biex ikollha bazi, socjali u legali, ghas-sostenn fil-pretensjoni taghha ghall-ghajnuna mill-fondi tal-kollettiv.” (ara decizjoni Mary Camilleri vs Direttur ghas-Sigurta Socjali App.Inf. 24/01/2007.)

Fl-ewwel lok kellu jkun sew maghruf minnu skond id-Dikajrazzjoni minnu sottoskritta fil-formula ta’ l-applikazzjoni illi hu kellu b’dover jgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali bis-sitwazzjoni finanzjarja tieghu. Hekk, allura, kien inkombenti fuqu li jgharraf lid-Dipartiment bil-qliegh kapitali ippercepiet minnu fl-2004. Fit-tieni lok huwa kellu jipprovdi ghas-sodisfazzjon tad-Dipartiment kull informazzjoni bid-dokumenti relattivi dwar in-nefqa kapitali allegata minnu u mhux jippretendi illi kellu ikun id-Dipartiment li jaghmel din l-indagini sabiex jivverifika jekk huwiex intitolata ghal-beneficcju jew jekk ghadx ghandu il-jedd ghalih. Lanqas ma jaghmel sens proceduráli li l-appellanti isostni illi kellu ikun l-Arbitru li jitolbu iktar informazzjoni jekk ma kienx sodisfatt bl-evidenza minnu imressqa. Dan l-argument ma jaghmilx sens legalment billi dak li imsejjah biex jiggudika igharbel biss il-provi li l-partijiet joghgobhom iressqu quddiemu. Ma jistax *a priori* qabel ma jesprimi il-gudizzju

tieghu jagevola xi parti billi jitolbu iktar informazzjoni jew provi ghax dawk li ressaq ma humiex sufficjenti. Dan l-aggravvju huwa ghal kollox minghajr sens guridiku u legali billi kif diga inghad kien jinkombi unikament u esklussivament fuq l-appellanti li jipprova dak allegat minnu u cioe' illi iressaq dawk il-provi kollha b'mod ezawrjenti li jindikaw illi fil-mument illi huwa ressaq l-applikazzjoni tieghu fid-Dipartiment kien iddispona mill-qliegh kapitali tieghu *per necessita'* u mhux intenzjonalment. Fi kwalunkwe kaz jibqa' l-fatt inkonfutabbli illi in mankanza ta' provi sodisfacenti d-Direttur appellat sewwa ddecieda illi l-appellanti ma kienx jikkwalifika ghall-beneficcju socjali ghal liema applika in kwantu r-rizorsi kapitali tieghu fil-mument ta' l-istess applikazzjoni kienu jeccedu l-ammont massimali ta' €14,000, kif mill-previzjoni tal-ligi (Kapitolu 318) stipulat fit-Tieni Skeda.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud. L-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------